

# Kuntratt Soċjali għall-Ewropa

KONFEDERAZZJONI TA' TREJDUNJONS EWROPEJ



Miġbura fi ħdan il-Konfederazzjoni ta' Trejdunjons Ewropej, aħna l-kapijiet ta' trejdunjons tal Ewropa, nixtiequ nniedu appell u nipproponu Kuntratt Soċjali għall-Ewropa.

Qed naraw aktar inugwaljanza, żieda fil-faqar u l-esklużjoni, qagħad jikber, nuqqas ta' sigurtà fuq ix-xogħol li jaffettwa b'mod partikolari liż-żgħażagħ, u delużjoni li qed tikber dwar il proġett Ewropew.

Qed naraw żieda inkwetanti f'nazzjonaliżmu, razziżmu u ksenofobija. Din it-tendenza, li qed titkabbar b'kompetizzjoni għal pagi baxxi, tista' twassal sabiex il-proġett Ewropew li l ETUC dejjem appoġġat jiġi riġettat.

Qed naraw li l-ftehim ekonomika u soċjali ta' wara l-gwerra, li wassal biex tinħoloq l-Unjoni Ewropea u l-mudell soċjali Ewropew, huwa mheded. Dan il-mudell soċjali uniku wassal għal akkwisti konsiderevoli għaċ-ċittadini u l-ħaddiema u ppermettilna biex nibnu mill-ġdid minn kriżi għal prosperità.

Aħna naffermaw li d-drittijiet soċjali fundamentali għandu jkollhom prijorità fuq libertajiet ekonomiċi. Dan huwa l-ispirtu tal-Prinċipju dwar id-Drittijiet Fundamentali inkorporat fit Trattat ta' Lisbona. Dan għandu jiġi emfasizzat fi Protokoll ta' Progress Soċjali li għandu jkun mehmuż mat-Trattati.

Aħna nemmnu li l-unjoni monetarja għandha sservi l-proċess ta' integrazzjoni Ewropea, ibbażata fuq il-prinċipju ta' paċi, demokrazija u solidarjetà, kif ukoll bħala koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali. Dan hu l-mod kif wieħed jista' jassikura futur għaċ-ċittadini f'dinja globalizzata.

Aħna nfakkru li l-għan dikjarat tal-Unjoni Ewropea huwa l-progress ekonomiku u soċjali. Il kisba tal-oġġettivi tal-UE għall-2020 jeħtieġu soċjetajiet soċjalment stabbli, tkabbir ekonomiku sostenibbli u istituzzjonijiet finanzjarji li jservu l-ekonomija reali.

Aħna nemmnu li hu permezz ta' djalogu soċjali li aħna kapaċi nfittxu għal soluzzjonijiet ġusti u effiċjenti bħala rispons għall-kriżi gravi li l-Unjoni Ewropea qed tiffaċċja. Imma b'dispjaċir, naraw id-demokrazija qed taħdem u d-djalogu soċjali ta' spiss jitwarrab, jiġi attakkat u mminat.

Aħna qed insejħu lill-UE sabiex tiffoka fuq policies dwar kif tista' ttejjeb l-kundizzjonijiet ta' għajxien u tax-xogħol, impjiegi ta' kwalità, pagi ġusti, trattament ugwali, djalogu soċjali effettiv, drittijiet trejdunjonistiċi u drittijiet tal-bniedem oħrajn, servizzi pubbliċi ta' kwalità, protezzjoni soċjali – li jinkludi saħħa ġusta u sostenibbli u dispożizzjonijiet għall-pensjoni – kif ukoll policy industrijali li tiffavorixxi transizzjoni ġusta lejn mudell ta' żvilupp sostenibbli. Policies bħal dawn jikkontribwixxu biex tinbena l-fiduċja fiċ-ċittadini fil-futur komuni tagħhom.

Aħna nirrifjutaw policies li jwasslu għal kompetizzjoni 'l isfel fl-oqsma ta' drittijiet tax-xogħol, pagi, ħinijiet tax-xogħol, sigurtà soċjali, taxxi jew l-ambjent.

Aħna nappoġġjaw policies ekonomiċi koordinati kif ukoll l-għan li jkun hemm kontijiet pubbliċi sodi imma nikkundannaw miżuri ta' governanza ekonomika li tqegħdu biex jimminaw il-kisbiet soċjali tal-aħħar deċenni, li jxekklu l-iżvilupp sostenibbli, l-irkupru ekonomiku u l-impjiegi u jeqirdu s-servizzi soċjali. Għalhekk aħna nopponu t-Trattat dwar Stabbiltà, Koordinazzjoni u Governanza fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja (TSCG).



Aħna wkoll mħassbin dwar il-metodu użat sabiex jiġi prodott it-Trattat TSCG li eskluda l involviment siewi tal-Parlament Ewropew u ċ-ċittadini.

Aħna ninsistu li l-UE u l-istati membri tagħha għandhom josservaw b'mod skrupluż l istrumenti Ewropej u internazzjonali bħal konvenzjonijiet tal-ILO, il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Karta Soċjali Ewropea riveduta, li għalihom l Unjoni Ewropea għandha tissottoskrivi kif ukoll għall-Protokoll tagħha dwar sistema kollettiva ta' ilmenti kollettivi (1995).

Għal dawn ir-raġunijiet kollha aħna nitolbu Kuntratt Soċjali għall-Ewropa, li l-kontenut tiegħu qed noffru li niddiskutu u niftehmu fil-livell tripartitiku tal-UE.

Il-Konfederazzjoni tad-Trejdunjins Ewropej tikkonsidra li l-elementi le ġejjin għandhom jiġu inklużi fil-Ftehim Soċjali:

## Negozjar kollettiv u Djalogu Soċjali:

In-negozjar kollettiv liberu u d-djalogu soċjali huma parti integrali tal-Mudell Soċjali Ewropew. It-tnejn għandhom jiġu garantiti fuq livelli tal-UE u nazzjonali. Kull stat membru għandu jpoġġi fil-post il-miżuri t'appoġġ rilevanti;

L-awtonomija tal-imsieħba soċjali fil-livell nazzjonali u Ewropew kif ukoll ir-rwol u l pożizzjoni tagħhom għandu jiġi rispettat; m'għandu jkun hemm l-ebda intervent unilaterali mill-awtoritajiet pubbliċi f'negozjar kollettiv eżistenti; u kopertura mill-ħaddiema bi ftehim kollettiv għandu jiġi massimizzat;

L-involviment effettiv tal-imsieħba soċjali, mill-fażi dijanjostika, fil-governanza ekonomika Ewropea u l-pjanijiet nazzjonali ta' riforma hija essenzjali. Sforzi għall-adattament għal ċirkostanzi dejjem jinbidlu għandhom ikunu proporzjonati mal-mezzi tan-nies u mhux mgħobbija fuq il-ħaddiema u l-familji tagħhom biss.

## Governanza ekonomika għal tkabbit ekonomiku u impjiegi:

Miżuri urġenti sabiex tiġi fit-tmiem tagħha l-kriżi dwar id-debitu sovran u l-għoti tar-rwol ta' mexxej għall-aħħar kelma lil Bank Ċentrali Ewropew, biex ikun jkun jista' joħroġ l-Eurobonds. Programmi ta' tkabbir adattati għal kull pajjiż għandhom jiġu diskussi, miftehma u sorveljati ma' msieħba soċjali;

Il-policies industrijali u ta' investiment Ewropej mmirati biex jissodisfaw l-isfidi ekonomiċi u ambjentali; prijorità għandha tingħata lill-investimenti f'infrastruttura sostenibbli, riċerka u żvilupp, teknoloġija dwar il-klima, u riżorsi li jiġeddu. Dawn m'għandhomx jiġu inklużi fil kalkolazzjoni ta' żbilanċi pubbliċi;

Regoli sabiex jiġi żgurat qasam finanzjarju regolat, solidu u trasparenti fis-servizz tal ekonomija reali;

Riżorsi żejda, miġbura mill-użu mtejjeb tal-fondi strutturali Ewropej, il-Bank ta' Investiment Ewropew, bonds ta' proġetti, u taxxa minn transazzjonijiet finanzjati inġenji adegwati, għandhom jiġi allokati għal skopijiet soċjali u ambjentali;



Għandha tieqaf il-pressjoni tal-UE sabiex jiġu liberalizzati s-servizzi pubbliċi li huma ta' responsabilità nazzjonali;

Pagi diċenti għal kulħadd, li jikkontribwixxu għal tkabbir u domanda interna;

Garanzija minn żgħażagħ għaż-żgħażagħ kollha tal-Ewropa, li jiġi żgurat lilhom xogħol diċenti jew opportunitajiet adegwati ta' taħriġ, fi żmien erba' xhur ta' qagħad jew wara li jħallu l iskola;

Miżuri biex jiġi mtejjeb l-kwalità tax-xogħol u jiġu kkumbattuti x-xogħlijiet prekarji; jiġu miġġielda abbużi fil-prattika ta' kuntratti fuq terminu part-time, temporanju u fiss;

Policies għal suq tax-xogħol attiv li jinkludi inizjattivi sabiex jiġu appoġġjati persuni bi ftit jew xejn konnessjonijiet mas-suq tax-xogħol.

## Ġustizzja ekonomika u soċjali:

Tassazzjoni ridistributtiva u gradatata fuq id-dħul u r-rikezza, u t-tmiem ta' postijiet li joffru kenn mit-taxxi, evażjoni mit-taxxa, frodi mit-taxxa, korruzzjoni u xogħol mhux dikjarat;

Azzjoni determinata kontra l-ispekulazzjoni;

Miżuri effettivi sabiex jiġu żgurati pagi ugwali u drittijiet ugwali għax-xogħol ta' valur ugwali għal kulħadd; Ftehim kollettiv u pagi ugwli għandhom japplikaw għal kulħadd tkun xi tkun il formula tal-kuntratt, speċifikament meta jaħdmu fuq l-istess lant ta' xogħol;

Implimentazzjoni ta' policies sabiex tntemm id-diaprità bejn l-irġiel u n-nisa;

Il-kontroll tal-pagi li għandha tibqa' miżura nazzjonali u li għandha tiġi meqjusa skont il prattiċi nazzjonali u s-sistemi ta' relazzjonijiet industrijali. Negozjati bejn msieħba soċjali fil-livell rilevanti huma l-aħjar għodda sabiex jiġu żgurati pagi u kundizzjonijiet ta' xogħol tajbin; il-paga minima statutorja, f'dawk il-pajjiżi fejn it-trejdunjons jikkonsidrawha meħtieġa, għandha tiżdied sostanzjalment. Fi kwalunkwe każ, il-livelli tal-pagi kollha għandhom jirrispettaw l-istandards dwar pagi ġusti tal-Kunsill tal-Ewropa.

Armonizzazzjoni tal-bażi tat-taxxa korporali u rati minimi ta' tassazzjoni għal kumpaniji, possibilment bid-dħul ta' rata minima ta' 25 %, il-livell medju attwali ta' impożizzjoni fl Ewropa.

**Aħna qed nisħqu fuq l-organizzazzjonijiet Ewropej ta' min iħaddem, l-istituzzjonijiet tal-UE, gvernijiet nazzjonali u organizzazzjonijiet t'appoġġ sabiex jidħlu f'diskussjoni fuq il-proposta tal-ETUC għal Kuntratt Soċjali għall-Ewropa.**

**Konfederazzjoni ta' Trejdunjons Ewropej**
Boulevard du Roi Albert II, 5 – B-1210 Bruxelles
Tel: 00 32 2 224 04 11 – E-mail: etuc@etuc.org – www.etuc.org

06/2012